morfoloġija maltija, filwaqt li ftit ieħor, mimli konsonanti, speċjalment fil-bidu u f'tarf il-kelma, jibqa' iebes u barrani. Xejn ma għandna għax nistagħġbu għax ġara u qed jiġri hekk fl-Ilsien Malti, għax dan jiġri fl-ilsna ħajja kollha billi l-ilsna ħajja huma bħal dik is-siġra b'saħħitha li ma' tul ħajjitha tant twaqqa' weraq mejjet u tant toħroġ jew ittalla' oħrajn ġodda; hekk jagħmel l-Ingliż, hekk jagħmel it-Taljan u hekk jagħmel il-Malti. Anzi nistgħu kważi nqisuh miraklu li lsien ta' poplu hekk żgħir u fqir, bħal ma hu tagħna, kellu l-ħila jżomm l-individwalità tiegħu, minkejja li għal mijiet, biex ma ngħidx eluf ta' snin, l-art tagħna kienet dejjem maħkuma mill-barrani li qatt ma naqas għall-finijiet ta' moħħu li jipprova jdaħħal lil ilsienu biex jaqla' barra mill-amministrazzjoni dak tagħna, jew għallinqas inaqqaslu l-importanza tiegħu u b'hekk ikun jista' jiddomina b'inqas tfixkil u nkwiet għalih.

Iżda dan ma nistgħux ngħiduh għall-barranin kollha għax hu minnu li mhux kollha stmerrew il-Malti. Infatti, ir-Rev.du C.L. Dessoulavy, fit-28 ta' Awissu, 1928, bħala Delegat tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, ħa sehem fis-17-il Kungress Internazzjonali tal-Orjentalisti li sar f'Oxford, l-Ingilterra, u qara "paper" fuq "THE DEVELOPMENT OF MALTESE AS A WRITTEN LANGUAGE AND ITS AFFINITIES WITH OTHER SEMETIC TONGUES" li kienet imħejjija minn Dun Pietru Pawl Saydon u s-Sur Nin Cremona, u li wara tqiegħdet fil-BRITISH MUSEUM biex isservi ta' referenza għall-istudjużi tal-lingwi orjentali. F'Marzu tas-sena ta' wara, imbagħad, il-(Prof.) Dun Pietru Pawl Saydon għamel taħdita f'Palazzo De La Salle, il-Belt, sewwa sew fuq "IL-MALTI U L-ILSNA SEMIN."

Il-Professur S.M. Zarb, O.P. ukoll interessa ruħu ħafna f'din il-kustjoni u nsibuh jikteb fuq dan is-suġġett fi "Il-Malti" fil-ħarġiet ta' Ġunju, Settembru u Diċembru, 1926, f'dawk kollha tas-sena 1927, f'ta' Marzu, Settembru u Diċembru, 1928, u f'dik ta' Ġunju, 1929.

**(Jissokta)**

* * *

## AVVIŻ IMPORTANTI!

**Nixtiequ nfakkru mill-ġdid lill-qarrejja tagħna, sew lill-Membri Akkademiċi kif ukoll lill-abbonati fi IL-MALTI, biex sa l-aħħar ta' din is-sena jħallsu s-sħubijiet tagħhom jekk għadhom ma għamlux din il-ħaġa. Dawk li rċevew nota biex iħallsu għaliex qegħdin xi snin lura jkun jeħtieġ li jiskuntaw id-dejn tagħhom mill-aktar fis possibli. Mhux bi-ħsiebna nibqgħu nibgħatu r-rivista tagħna lil dawk li ilhom is-snin ma jħallsu għaliha. Niftakru li l-ispejjeż ta' l-istampa u tal-posta kibru ħafna u dawn kollha jridu jitħallsu mill-fondi ta' l-Akkademja tal-Malti.**



# GĦAX JIENA MARJUNETT!

**ta' G. ABELA (qassis)**

Marbut minn kulfejn tħares,
ħafif qisni farfett,
liebes kollni kuluri
għax jiena marjunett!

Naf 'l hemm u 'l hawn inħares,
ngħolli sieqi 'l fuq nett,
idejja nxejjer qawwi;
"Ċapċpulu 'l-marjunett!"

Ma' kull taħrika nobdi;
Jien m'għandi l-ebda jedd.
Nagħmel dak li jriduni:
id-dmir ta' marjunett!

"Araw kemm jaf jitkellem!
Isimgħu naqra, Ċett!
Tassew jaf jirraġuna!
Prosit, ja Marjunett"!

U naf inbaxxi rasi
u niċħad dak li għedt,
naqla' daqqiet bil-ħarta.
"Jaħasra l-marjunett!"

Dejjem jirranġaw fija
biex jinkun sew bħas-sett,
u jiena noqgħodilhom.
"Xi ħlew ta' marjunett!"

Kultant ikolli naqbeż
mill-ogħla parapett,
imma jien qatt ma nkorri,
għax jiena marjunett!

Kultant meta narani
li minix ħlief oġġett
jaqbduni dwejjaq koroħ...
Saħta ta' marjunett!

U mbagħad niftakar f'sidi,
raġel sinċier u rett:
meta jispiċċa minni,
"Għall-kaxxa, marjunett!"

U hemm, bla rbit u ħieles,
moħħi mistrieħ, nimtedd.
U ħadd ma jitħassarni
għax jiena marjunett!

* * *

# "L-IMSEJKNA VJOLI TIEGĦI"

**ta' Giuseppe Rosella**

Fix-xemx fietla
tal-Kandlora
rajt l-ewwel vjoli
iwarrdu fil-għalqa tiegħi.
U issa nieżla l-borra,
temp li ma tistax tafda fih!
L-imsejkna vjoli tiegħi!
Sejrin imutu taħt il-ġelu,
bla fwieħa,
l-imsejkna vjoli tiegħi...
Il-virtù u l-modestja
fil-biki qegħdin imutu.

**(Traduz. ta' Albert M. Cassola)**